MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 96/2006

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 ta’ Marzu 1995 (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. A);

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool tat-28 ta’ Awwissu 2003 (kopja annessa bhala Dok. B);

3. Illi z-zwieg sehh meta l-konvenuta ma kelliex id-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi;

4. Illi z-zwieg sehh meta l-konvenuta kienet affetta minn anomalija psikologika serja ai termini ta' l-artikolu 19(1)d tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-11 ta' Marzu 1995 huwa null u bla effett a tenur ta' l-artikolu 19 sibartikolu 1(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar, debitament mahluf u prezentat ;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fil-11 ta' Marzu 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

[1] Fol.91

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Marzu 1995, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa ghaxar [10] snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal : wiehed fis-sena 1999 u l-iehor fis-sena 2001. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien snin, il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici telqet mid-dar konjugali ; u fit-28 ta' Awissu 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni ta' l-Attur*

Dan jghid li l-att taz-zwieg dejjem sar miftuh ghat-tfal, u di fatti ghandhom zewgt-it tfal, wiehed gie wara erba' snin taz-zwieg, u l-iehor gie wara sitt snin tal-konvivenza matrimonjali. Ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li martu "minn dejjem kienet toqghod teqred, xebghet, tidghi mat-tfal, it-tfal iggenninhom."2 u li "minn dejjem tigdeb u tivvinta."3 - mill-provi jirrizulta pacifiku li "il-problemi serji [bejn il-partijiet] bdew f' Gunju ta' l-2003" meta l-konvenuta nfurmat lill-attur li riedet tissepara biex tmur tghix ma' habib taghhom go Wales fl-Ingilterra. Kien minn hawn 'il quddiem li beda jitfarrak iz-zwieg bejn il-partijiet, bir-rizultat li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li l-konvenuta "ma tantx kienet dedikata ghall-hajja matrimonjali...[u] li fl-opinjoni [tieghu l-attrici] mhix addattata ghal hajja matrimonjali. Hija qatt ma assumiet ir-responsabbilita' taghha bhal li tiehu hsieb id-dar u tit-tfal."4 Izda, fix-xhieda tieghu jghid : "Fil-bidu konna mhux hazin, ghax kull sena, imbierek Alla, konna nsiefru u naghmlu [affarijiet]."5 u l-inkwiet inqala' "hekk, qisu f' daqqa wahda."6

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Illi din tispjega li hi minn dejjem kienet tahdem, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg, u kienet tikkontribwixxi sabiex jaqtghu d-dejn li kellhom. Inizjalment kienet tahdem ta' segretarja u eventwalment spiccat biex fethet hanut tas-sbuhija. Tghid li damu jikkonvivu disa'

[2] Fol.33
[3] Fol.35
[4] Fols.19 u 20
[5] Fol.36
[6] Ibid

snin li matulhom kellhom zewgt-it tfal. Tispjega li l-problemi bdew wara t-twelid tat-tfal, u precipitaw wara t-twelid tat-tieni wild hekk kif hi bdiet thoss il-piz mentali tat-trobbija tat-tfal, u dan wara sitt snin taz-zwieg. Kien ihossha ghajjiena, izda xorta wahda kienet taghmel il-facendi tad-dar, issajjar u tahsel il-hwejjeg, u tikkonferma li, salv ghall-ahhar zmien tal-konvivenza, r-relazzjoni ntima bejniethom kienet tajba.

Il-konvenuta tispjega li, meta kellha t-tfal, u peress li l-attur kien ikun ix-xoghol, "kont qed inhoss hafna n-nuqqas ta' persuna li taghti kasi. Ghaddejt minn fazi daqxejn difficli fis-sens trabbi zewgt-it tfal il-hin kollu mieghek, jghejjuk hafna u bdejt inhossni ma ftaht qalbi ma' hadd."[7] F' dawn ic-cirkustanzi hija kienet tiftah qalbha biss ma' habib taghhom li jghix l-Ingilterra u li okkazzjonalment il-partijiet kienu jmorru vakaza ghandhu. Tghid: "Kont nhossni komda nitkellem mieghu. Kienet haga naturali li ngibt lejh speci, u ma bdejt inqis xejn hlief li naqbad u nitlaq kollox, kollox, kollox, is-sagrificcji li ghamilt biex bnejna d-dar, u lestejniha, u nitlaq nghix hemm ghax kont [nahseb] li ghall-inqas dan jifhimni."[8] Tghid li fis-separazzjoni "cedejt kollox, taghjtu kollox [lill-attur], sal-kustodja tat-tfal, ghax rajtha mpossibbli li nohodhom mieghi hemmhekk [l-Ingilterrra]; imma wara ddecidejt li minghajrhom zgur ma kontx ser nghix kuntenta." u ghalhekk bqghet Malta. Fil-prezent hi tghix Malta mal-genituri taghha.

*Rapport tal-Psikjatra*
L-espert psikjatra kkonkluda fir-rapport tieghu li, ghalkemm meta l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni ma' l-attur [ allura kellha 15-il sena] hi kienet ghadha mmatura f' kuntest taz-zwieg, izda "ma jidhirx li l-konvenuta tbati minn dizordni fil-personalita' izda ghandha tendenzi karatterjali ta' dipendenza."9

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u tosserva li, mill-kwadru tal-fatti pruvati, ma jirrizultax il-*caput nullitatis*

[7] Fol.48
[8] Ibid.
[9] Fol.99

kontemplat fil-paragrafu [d], addebitat lill-konvenuta mill-attur. Ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hija kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u dmirijiet essenjzali tal-hajja konjugali; u wisq anqas ma rrizulta li kienet affetta minn anomalija psikologika serja li poggietha fl-impossibilita' li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.  Anzi, ghal kuntrarju, il-provi juru li hija kienet fehemet ir-responsabbilitajiet tal-hajja konjugali, u kellha l-kapacita' li tassumihom. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li, ghal numru ta' snin mid-data taz-zwieg, il-partijiet ghexu fil-hajja konjugali minghajr problemi serji, u matulhom kellhom zewgt-it tfal. Matul dan iz-zmien il-konvenuta kienet assumiet u ezegwiet l-obbligi matrimonjali taghha, u kienet tiehu hsieb il-familja. Kien biss meta l-piz tat-trobbija tat-tfal, li kien waqa' kollu fuqha, beda jghajjiha mentalment li dina tilfet il-boxla matrimonjali u bdiet tfittex l-konsolazzjoni f' ragel iehor. Dan kien ghal habta ta' Gunju 2003, u cioe' wara tmien snin ta' konvivenza matrimonjali.

F' dan il-kaz, l-attur ma rnexxielhux jipprova dak addebbitat minnu fil-kawzalijiet li fuqhom qed isejjes it-talba tieghu, liema konkluzjoni ssib konfrot, mhux biss fi l-fatti provati kif rakkontanti mill-partijiet, izda anke mir-rapport ta' l-espert psikjatra.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi, u ghalhekk ser tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------